Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Neville Xuereb)

vs

Mahmoud Razouk

Illum 24 ta’ Jannar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Mahmoud Razouk detentur tal-passaport Nru 2964860 li permezz taghhom gie akkuzat talli f’dawn l-ahhar gimghat minghajr ma nghata permess ta’ residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-ufficjal Principali ta l-Immigrazzjoni;

U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur iffalsifika u ghamel uzu minn sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta pubblika jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 172 (1) u (2) u 176 tal-Ligijiet ta' Malta;

U ukoll talli fl-istess zmien ghamel falisfikazjoni jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat u dan bi ksur ta l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32 (d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli fl-istess zmien u cirkostanzi minghajr awtorita legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghall-finijet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni li kien ffalsifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32 (f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-pieni stabbiliti tiddikjara lill-imsemmi persuna bhala immigrant ipprojbit u

tohrog Ordni ta' Tnehhija kontra tieghu skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu illi tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikolu 5 tal-Kap. 217;
(b) Fl-Artikoli 172, 176 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikolu 32(d)(f) tal-Kap. 217;
(e) Fl-Artikolu 14, 15 tal-Kap. 217;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti sommarjament;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-1 ta' Novembru, 2001;

Taqta u tiddeciedi wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta' Gunju, 2000, illi l-imputat fuq imsemmi huwa **hati** tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu;

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, l-fatt illi ikkoppera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni u l-fatt illi irregistra ammissjoni anke fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija, il-fatt illi illum il-gurnata l-imputat izzewweg mara Maltija u jidher illi qabad it-triq it-tajba. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u wara illi rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundannah prigunerija ghal sentejn tordna illi din il-prigunerija ghandha tkun sospiza ghal tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza;

Il-Qorti tiddikjara illi ma tistax tordna t-tkeccija tal-imputat minn dawn il-gzejjer u dana peress illi fil-mori ta' din il-kawza huwa izzewweg cittadina Maltija skond kif jidher

mic-certifikat taz-zwieg tar-Registru Pubbliku ta' Malta, liema certifikat jinsab a fol. 57 tal-process.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur